Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 37/2012

**Maria Theresa maghrufa bhala Marisa Bartolo**

**Vs**

**Conservatorio Vincenzo Bugeja u l-Ministru tal-Edukazzjoni u Familja l-Onorevoli Dolores Cristina f'isimha wkoll personali wara li giet milqugha t-talba taghha biex tintervjeni**

L-Erbgha, 7 ta' Ottubru, 2015.

Dan hu appell minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali tad-19 ta' Settembru 2012, fejn it-Tribunal ikkonkluda li r-rikorrenti tkecciet ingustament mill-impjieg taghha mal-Conservatorio Vincenzo Bugeja u kkundanna lill-intimati jhallsu s-somma ta' tlett elef u disa' mitt ewro (€3,900) bhala kumpens.

Mid-decizjoni appellaw l-intimati.

Il-qorti rat l-atti tal-proceduri li saru quddiem it-Tribunal (Kaz numru 2955/CC) u l-atti tal-appell li jinkludu traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret quddiem din il-qorti.

L-aggravji **tal-Ministru tal-Edukazzjoni u Familja** huma:

1. Ma gietx notifikata bil-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali kif ukoll ma giex notifikat l-Avukat Generali (Artikolu 181B(3) tal-Kap. 12).
2. It-Tribunal Industrijal fis-sentenza qal li l-Ministru kienet ippatrocinata mill-avukat li effettivament kien qieghed jassisti lill-intimat l-iehor.
3. Il-Ministru mharrka ma kellhiex taht id-dekasteru taghha l-qasam tal-Familja u ghalhekk l-okkju hu zbaljat.
4. Il-Ministru ma kellha x'taqsam xejn mad-decizjoni li ttiehdet mill-intimat l-iehor. Hi ma kinitx il-principal tar-rikorrenti. Din l-appellanti qatt ma kienet involuta fid-dikjarazzjoni ta' *redundancy* u ghalhekk qatt ma setghet tinsab responsabbli ta' tkeccija ngusta.

L-aggravji **tal-Conservatorio Bugeja** huma:

1. It-Tribunal assuma li d-difensur ta' dan l-appellant kien ukoll difensur tal-intimata l-ohra.
2. It-Tribunal ma ddecidiex il-punt jekk kienx hemm *redundancy* gustifikata u ntilef jara jekk ir-*redundancy* kinitx influwenzata minn avvenimenti precedenti.

3. Id-definizzjoni ta' *redundancy* ma gietx interpretata skond il-Ligi.
4. Ladarba r-*redundancy* kienet gustifikata, l-appellant ma jistax jinzamm responsabbli ghad-danni.

Il-qorti tosserva hekk:-

**<u>Appell tal-Ministru tal-Edukazzjoni</u>**.

1. M'hijiex sodisfatta li r-rikors promotur ma giex notifikat lill-Ministru tal-Edukazzjoni. Ma jirrizultax li kien qieghed jinghad li fiz-zmien tan-notifika l-Ministeru tal-Edukazzjoni kien fl-indirizz li hemm fid-dokument a fol. 4[1]. Ghalkemm instemghet ix-xhud Sandra Ebejer biex tinghata prova li l-Ministru qatt ma rceviet ir-rikors, il-qorti ma tistax tifhem ix-xhud x'ghandha x'taqsam ma' dan il-kaz. Il-firma li hemm fid-dokument a fol. 4 m'hijiex ta' Sandra Ebejer (ara firma taghha fl-affidavit a fol. 73). Kien jispetta lill-Gvern li jressaq prova sodisfacenti li r-rikors qatt ma gie notifikat fil-Ministeru. Dan seta' jsir biss billi tinghata l-lista komprensiva tal-impjegati kollha li fiz-zmien tan-notifika kienu jahdmu fis-segretarjat tal-Ministeru kif ukoll kopja ta' *attendance sheet* tal-impjegati li fil-gurnata meta saret in-notifika kienu rrappurtaw ghax-xoghol. Provi ma tressqux. Gialadarba l-qorti m'hijiex sodisfatta li nghatat prova li ma saritx in-notifika, l-ewwel aggravju ser jigi michud.

   Fir-rigward tat-tezi li r-rikors kellu jigi notifikat lill-Avukat Generali (Artikolu 181B(3) tal-Kap. 12), l-appellanti m'ghamlitx riferenza ghal xi provvediment fil-ligi specjali (*Industrial and Employment Relations Act*, Kap. 452) li jaghmel l-Artikolu 181B(3) applikabbli ghall-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali.

2. Ghalkemm fid-decizjoni tat-Tribunal jinghad li l-avukat Dr Peter Fenech kien qieghed jassisti lill-Ministru tal-Edukazzjoni u fir-realta' jirrizulta li ma kienx, l-appellanti ma tistax tiehu beneficcju minn dan l-aggravju gialadarba l-ewwel aggravju ser jigi michud. Hu d-dmir ta' parti li tiehu hsieb li tinkariga avukat biex jiddefendi l-interessi taghha.

3. B'riferenza ghat-tielet aggravju, m'hemmx prova cara ta' kif kien imsemmi l-portfolio li kellha Dolores Cristina fiz-zmien li kellha l-kariga ta' Ministru u f'kull kaz dan zgur li ma tax lok ghal xi pregudizzju lill-appellanti.

4. Fir-rigward tar-raba' aggravju, il-qorti tibda biex tosserva li effettivament it-Tribunal ta decizjoni kontra z-zewg appellanti. Ghalkemm fil-parti dispozittiva tad-decizjoni jinghad: *"Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta intimata fi zmien tmien gimghat mid-data ta' din id-decizjoni"*, fil-parti preliminari jinghad hekk: *"Il Conservatorio Vincenzo Bugeja u l-Ministru tal-Edukazzjoni u Familja l-Onor. Dolores*

[1] Dokument tan-notifika.

*Cristina li minn issa 'l quddiem se tissejjah is-Socjeta Intimata……"*. Ghalhekk **'Socjeta Intimata'** kienet tinkludi z-zewg intimati.

Mill-provi li tressqu quddiem it-Tribunal irrizulta li Marisa Bartolo kienet impjegata tal-Conservatorio Vincenzo Bugeja u mhux tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u Familja (ara kuntratt ta' impjieg datat 16 ta' April 2009, Dok. MB2). Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Ministru tal-Edukazzjoni ma kinitx il-legittimu kontradittur. Jidher li l-appellata harrket lill-Ministru ghas-semplici fatt li f'ittra datata 20 ta' Lulju 2010 ic-Chairman ta' Conservatorio Vincenzo Bugeja gharraf lill-appellata li fl-inkjesta li kienet hatret il-Ministru kien gie konkluz li minhabba l-esperjenza u tahrig li kellha fil-korp tal-pulizija kienu ffurmaw l-atteggjament taghha u *"More than twelve months of direction from the HD, role modelling and feed back from the other members of staff have not yielded the desired changes. Her position with the Conservatorio setup is therefore considered untenable"* (Dok. MB14), Fl-ittra giet infurmata li l-impjieg taghha kien ghalhekk qieghed jigi tterminat. Hemm ukoll ittra datata 26 ta' Mejju 2010 fejn l-istess Ministru talbet lil Dr Richard Manche, Chairman tal-Conservatorio, sabiex jissospendi lill-appellata mill-impjieg li kellha mal-Conservatorio Vincenzo Bugeja (Dok. MB13). Pero dawn ic-cirkostanzi ma jiggustifikawx li tharrek ukoll il-Gvern. Dan hu kaz ta' tkeccija ingusta, u ghalhekk l-ilment quddiem it-Tribunal Industrijali kellu jsir kontra l-principal. Il-provi juru li l-principal tal-appellata kien l-appellant l-iehor. Ghalhekk dan l-aggravju ser jintlaqa'.

**<u>Appell tal-Conservatorio Bugeja</u>**.

1. Hu veru li t-Tribunal kien zbaljat meta qal li l-Ministru kienet qeghda tigi rapprezentata mill-avukat Dr Peter Fenech. Mill-atti (Kaz numru 2995/CC) hu evidenti li l-avukat Fenech kien qieghed jassisti lil Conservatorio. Pero' dan l-izball ma kien ta' ebda pregudizzju ghal Conservatorio. Hawnhekk dan l-appellant qieghed jipprova jikseb beneficcju f'materja li mhi ta' ebda nteress ghalih.

2. Dwar it-tieni, tielet u raba' aggravji kuntrarjament ghal dak li argumenta dan l-appellant, hu evidenti li t-Tribunal ma emminx li r-*redundancy* kienet ir-raguni vera ghalfejn gie tterminat l-impjieg. Fil-fatt osserva:-

   *"It-Tribunal ma giex konvint lil hinn minn kull dubju ragonevoli li d-decizjoni tas-Socjeta ntimata fejn l-Appellanti giet dikjarata redundant, ma kinitx kondizzjonata mill-fatti kif sehhew qabel ittiehdet tali decizjoni"*.

   Kompla jghid:-

   *"It-Tribunal jirikonoxxi d-dritt u d-dmir ta' kull employer li jaghmel ezercizzji amministrattivi sabiex jara li l-post tax-xoghol jitmexxa b'mod*

*ghaqli u jirrikonoxxi wkoll li tali ezercizzji jistghu jwasslu ghal redundancies.* ***Pero' daqstant iehor jemmen li tali ezercizzji ma ghandhomx jintuzaw bhala kumdita' facli sabiex jintemmu l-impjiegi****"* (enfazi tal-qorti).

Ghal din il-qorti hu evidenti li t-Tribunal ikkonkluda li d-dikjarazzjoni ta' *redundancy* kienet biss mezz konvenjenti sabiex il-principal jittermina l-impjieg tal-appellata u dan minhabba dak li kien sehh qabel. Ghalhekk hu car li t-Tribunal ma emminx li d-dikjarazzjoni ta' *rendundancy* kienet genwina. Il-qorti ma taqbilx mal-kumment ta' dan l-appellant li t-Tribunal *"... ma ddecidiex il-punt jekk kienx hemm redundancy gustifikata skond il-Ligi"* u li *"ntilef f'periferiji rrilevanti"*. Ma jista' qatt ikollok redundancy gustifikata jekk din tkun mezz biex il-principal jehles mill-impjegat. Mid-decizjoni jirrizulta li t-Tribunal wasal ghal konkluzjoni bazata fuq diversi cirkostanzi, fosthom:

i. Dak li sehh f'Lulju 2010 meta l-appellata nghatat ittra li biha giet infurmata li wara inkjesta li saret dwar l-*appointment* li nghatat, kien gie tterminat l-impjieg taghha b'effett mill-31 ta' Lulju 2010. Decizjoni li sussegwentement giet sospiza wara li l-appellata pprezentat mandat ta' inibizzjoni (numru 1169/2010) u fil-kors ta' dawk il-proceduri gie ddikjarat li ser jinhatar bord ta' dixxiplina.
ii. Fl-ittra tat-terminazzjoni ta' impjieg (30.11.2011) ma nghatat l-ebda raguni ghalfejn giet tterminat l-impjieg. L-impjieg taghha gie tterminat *'as from today'*, u ghalhekk minghajr ma nghatat *notice period* (ara Artikolu 36(3) tal-Kap. 452) u li skond it-Tribunal kellu jkun ta' 4 gimghat.
iii. Kien biss xhur wara li gie tterminat l-impjieg tal-appellata li l-principal ta avviz lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig.
iv. Ic-Chairman tal-Conservatorio (Tancred Tabone) ghamel biss *'dikjarazzjoni vaga'* li kien inghata parir li wassluh sabiex jiddeciedi biex jabolixxi l-kariga li kellha l-appellata.

Dan hu apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal u f'dan ir-rigward m'hemmx punti ta' dritt (ara l-Artikolu 82(3) tal-Kap. 452).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti:-**

1. **Tilqa' biss ir-raba' aggravju tal-Ministru tal-Edukazzjoni u Familja u thassar dik il-parti tad-decizjoni tad-19 ta' Settembru 2012 in kwantu tirrelata ghal dan l-appellant. Fic-cirkostanzi tillibera lil dan l-appellant mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez ta' dan l-appell u spejjez ta' din il-parti quddiem it-Tribunal Industrijali, a karigu tal-appellata Bartolo.**

2. **Tichad l-appell tal-Conservatorio Vincenzo Bugeja. Spejjez ta' dak l-appell a karigu tal-Conservatorio**.

Anthony Ellul.